DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1193

tal-21 ta' Awwissu 2018

tmiem tal-proċediment antidumping li jikkonċerna importazzjonijiet tas-siliċju li joriġinaw mill-Bożnija-Ħerzegovina u mill-Brażil

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tiegħu,

Billi:

A. BIDU U PROĊEDURA

(1) Fid-19 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") bdiet investigazzjoni antidumping fir-rigward tal-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' siliċju li joriġina mill-Bożnija-Ħerzegovina u mill-Brażil u ppubblikat notifika ta' bidu f'*Il Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]).

(2) L-investigazzjoni bdiet wara lment ippreżentat minn Ferroatlántica u Ferropem ("l-ilmentaturi"), li jirrappreżentaw aktar minn 85 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tas-silikon. L-ilment kellu evidenza prima facie ta' dumping dannuż li kien biżżejjed biex jiġġustifika l-bidu.

(3) Il-Kummissjoni infurmat lill-ilmentatur, lill-produtturi esporaturi magħrufa fil-Bożnija-Ħerzegovina u l-Brażil, lill-importaturi u utenti magħrufa u lil kwalunkwe parti oħra li kienet magħrufa li kienet ikkonċernata, kif ukoll lir-rappreżentanti tal-Bożnja-Ħerzegovina u l-Brażil dwar il-bidu tal-investigazzjoni. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jispjegaw il-fehmiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu smigħ fil-limitu taż-żmien stabbilit fin-Notifika ta' Bidu.

B. IRTIRAR TAL-ILMENT U TMIEM TAL-PROĊEDIMENT

(4) Permezz ta' email tas-7 ta' Mejju 2018, l-ilmentaturi informaw lill-Kummissjoni li huma rtiraw l-ilment tiegħu.

(5) Skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament bażiku, il-proċedimenti jistgħu jintemmu meta jiġi rtirat l-ilment, sakemm dan it-tmiem ma jkunx imur kontra l-interess tal-Unjoni.

(6) L-investigazzjoni ma żvelat l-ebda kunsiderazzjoni li turi li dan it-tmiem imur kontra l-interess tal-Unjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkunsidrat li jenħtieġ li l-investigazzjoni dwar importazzjonijiet fl-Unjoni ta' siliċju li joriġinaw mill-Bożnija-Ħerzegovina u mill-Brażil tintemm.

(7) Il-partijiet interessati ġew mgħarrfa b'dan u ngħataw opportunità li jikkummentaw. Madankollu, il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kummentili jiġġustifikaw li dan it-tmiem ma jkunx fl-interess tal-Unjoni.

(8) Għaldaqstant il-Kummissjoni tikkonkludi li jenħtieġ li l-proċediment antidumping li jikkonċerna l-importazzjonijiet fl-Unjoni tal-aċidu tartariku li joriġina mill-Bożnija-Ħerzegovina u mill-Brażil jintemm mingħajr l-impożizzjoni tal-miżuri,

(9) Din id-Deċiżjoni hija f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.
([2]) Notifika ta' bidu ta' proċediment antidumping li jikkonċerna importazzjonijiet tas-siliċju li joriġina mill-Bożnija-Ħerzegovina u mill-Brażil (ĠU C 438, 19.12.2017, p. 39).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-proċediment antidumping li jikkonċerna importazzjonijiet ta' siliċju b'kontenut ta' siliċju ta' inqas minn 99,99 % skont il-piż attwali, li joriġina mill-Bożnija-Ħerzegovina u mill-Brażil, li attwalment jaqa' fil-kodiċi tan-NM 2804 69 00, qiegħed b'dan jintemm.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Awwissu 2018.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER